# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Novembru, 2017**

**Talba Nru: 423/2016PM1**

**Global Insurance Brokers Limited (C9923)**

**Vs**

**Tapram Limited (C37098)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 t'Ottubru, 2016 illi s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbat elef tlett mija u hamsin euro u disa' centezmi (€4350.09) rapprezentanti diversi ammonti sborsati mis-socjeta` attrici affavur tas-socjeta` konvenuta in konnessjoni ma' hlas ta' licenzji ta' vetturi u liema sar mis-socjeta` attrici fuq inkarigu u struzzjonijiet tas-socjeta` konvenuta; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali skont il-ligi kontra s-socjeta` konvenuta sad-data tal-pagament effettiv liema socjeta` konvenuta giet ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta permezz ta' liema eccepiet illi, kif ser jigi pruvat tul il-kors tal-proceduri s-socjeta` konvenuta hallset kull ammont li seta` kien dovut lis-socjeta` attrici; illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ha konjizzjoni tad-dokument GB1 (fol. 12 tal-process) ezebit waqt is-seduta tal-20 ta' Frar, 2017.

Sema' x-xhieda ta' Patrick Xuereb (fol. 14 tal-process) u ha konjizzjoni tad-dokumenti ezebiti minn fol. 16 sa fol. 81 tal-process waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu, 2017.

Sema' x-xhieda ta' Richard Vella (fol. 83 tal-process) u dik ta' Alberto Bisazza (fol. 86 tal-process) moghtija waqt is-seduta tas-6 t'April, 2017. Ha konjizzjoni tad-dokumenti ezebiti waqt l-istess seduta minn fol. 89 sa fol. 93 tal-process.

Sema' l-kontro-ezami ta' Richard Vella waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju, 2017 (fol. 99 tal-process).

Sema' l-kontro-ezami ulterjuri ta' Alberto Bisazza waqt is-seduta tat-2 t'Ottubru, 2017 (fol. 104 tal-process).

Sema' l-kontro-ezami ulterjuri tal-istess Alberto Bisazza waqt is-seduta tas-27 t'Ottubru, 2017.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Permezz ta' din il-kawza, s-socjeta` rikorrenti qeghda titlob minghand is-socjeta` intimata hlas ta' "*diversi ammonti sborsati mis-socjeta` attrici affavur tas-socjeta` konvenuta in konnessjoni ma' hlas ta' licenzji ta' vetturi u liema sar mis-socjeta` attrici fuq inkarigu u struzzjonijiet tas-socjeta` konvenuta*" (fol. 2 tal-process). L-intimata da parti taghha tghid

li hija ma ghandha taghti xejn lis-socjeta rikorrenti l-ghaliex "*hallset kull ammont li seta' kien dovut*" (tergo fol. 9 tal-process).

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni tal-pagament, jehtieg illi jigi sottolinejat is-segwenti mill-aspett prettament legali:

1. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **Negte. Michele Apap noe vs Giuseppe Grech** deciza 28 ta' Mejju, 1885 gustament iddecidiet billi qalet li: "*La prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega.*"

2. Illi fi kliem iehor, in tema ghal dak li nghad fid-decizjoni aktar 'il fuq citata, il-konvenuti li jeccepixxu l-hlas (bhal fil-kaz in ezami) jenhtiegilhom qabel xejn jipprovaw, b'mod konvincenti u konkluziv, illi huma effettivament ghamlu l-hlas lura tas-somma reklamata. Jekk huma ma jirnexxilhomx jaghmlu din il-prova, l-effett estintiv ta' l-obbligazzjoni (a tenur tal-art. 1145 tal-**Kodici Civili**) ma jistax jirnexxi.

3. Illi hekk ukoll jinsab deciz li:

> "*sakemm id-debitur konvenut ma jkunx issodisfa dik il-prova u allura ma jkunx adegwatament issostanzja l-eccezzjoni tieghu, l-attur kreditur ma kien jehtieglu jaghmel xejn biex jiggustifika t-talba tieghu. Jibqa' allura salv il-principju illi f'kaz ta' dubju jimmilita favur l-attur kreditur. F'kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont kienx dovut, dik il-prova kienet tispetta lill-attur li kien mistenni li jaghmel dik il-prova qabel ma l-konvenut jipproduci l-provi tieghu in sostenn ta' l-eccezzjoni tal-pagament. Ghalkemm iz-zewg proposizzjonijiet jidhru li huma z-zewg ucuh ta' l-istess medalja, id-differenza sottili fl-impostament ta' l-argoment tezisti*" (f'dan is-sens

**Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar, 2000).

4. Dwar il-prova mehtiega fir-rigward tal-pagament eccepit jinsab ukoll pacifikament stabbilit illi "*l-pagament jista jigi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur. Kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji li jridu jkunu tali li jkunu kapaci jikkonvincu lill gudikant* " (f'dan is-sens id-decizjonijiet riportati fil-volumi **XLIII p.II p 624** u **XXXVII p.I p.525**).

Illi issa mill-aspett prettament fattwali tal-kaz in ezami jehtieg li jinghad is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` intimata targumenta illi, skont hi, l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici gie minnha mhallas permezz ta' zewg pagament affetwati permezz ta' cekkijiet li kopji taghhom gew ezebiti a fol. 16 u a fol. 17 tal-process fl-ammonti rispettivi ta' €2496.95 u €2173.77 u rispettivament datati 3 ta' Lulju, 2012 u 31 ta' Dicembru, 2012. F'dan ir-rigward ix-xhud Patrick Xuereb stqarr li: "*fir-rigward tal-ammonti li qeghdin indikati fl-istess document a fol. 12 dawn l-ammonti kollha thallsu u thallsu permezz ta' zewg cekkijiet li jiena qed nezebixxi kopja taghhom bhala document PX1 u PX2*". L-istess xhud jghid ukoll li, fir-rigward tal-istatement document GD1 ezebit a fol. 12 tal-process: "*il-vetturi bin-numri tar-registrazzjoni GBI157, CBD368, FBX889, TLF001, EBB416 dawn ma jappartjenux lis-socjeta` intimata imma huma proprjeta` tieghi personali.*" L-istess xhud ikompli li: "*permezz ta' dawn l-istess cekkijiet jiena kont hallast ukoll l-ammonti dovuti fir-rigward tal-vetturi tieghi personali ghaldaqstant nista' nikkonferma li fir-rigward tad-dokument a fol. 12 l-ammonti kollha hemmhekk indikati jinsabu imhallsin permezz tac-cekkijiet ezebiti minni.*" (seduta tal-1 ta' Marzu, 2017)

2. Illi bi twegiba ghal din l-allegazzjoni s-socjeta` attrici tissottometti li l-pagamenti affetwati bic-cekkijiet surreferiti, bi ftehim mar-rapprezentant tal-istess socjeta` intimata, intuzaw sabiex jigu saldati debiti ohrajn u cioe` dawk rizultanti mill-istatement ezebit a fol. 89 u 90 tal-process. F'dan ir-rigward ix-xhud Alberto Bisazza stqarr li: "(…) *ghamilt verifiki fir-rigward tac-cekkijiet ezebiti a fol. 16 u 17, nghid li dawn ma gewx addebitati fir-rigward ta' licenzji* (…) *imma ghal licenzji u karozzi li kienu jirrizultaw minn statements aktar qodma. F'dan ir-rigward qed nezebixxi u nirreferi ghal dokument li qed nimmarka bhala Dok. AB1, nghid li dawn kienu gew addebitati fir-rigward tac-cekkijiet a fol. 16 u 17.*" L-istess xhud jirreferi mill-gdid ghad-dokument a fol. 12 ossija Dok. GB1 u jikkonferma "*li kienu biss tlett licenzji mil-lista kollha indikata li gew effettivament imhallsin u dan l-ahhar tlieta ndikati fir-rigward tal-vettura LQZ236, 237 u 235 fis-somma ta' €112.50 kull wiehed*" (seduta tas-6 t'April, 2017). Effettivament tali pagament jirrizulta wkoll highlighted bl-isfar f'dok AB1 a fol. 89 tal-process. In kontro-ezami, Alberto Bisazza xehed li Richard Vella "*kien jghid li kien jiftiehem mal-klijent u bi ftehin bejniethom kienu jiddeciedu ghal liema kontijiet dawn il-pagamenti kienu ser jigu allokati.*" (seduta tat-2 t'Ottubru, 2017).

3. Illi Richard Vella jikkonferma li s-socjeta` attrici ma kenitx tohrog 'invoices' fir-rigward tal-hlasijiet dovuti ghal-licenzji. "*Il-licenzja kienet tigi printjata fuq id-dokument ta' Transport Malta u jiena kont nghaddihielu kif kienet. Jiena ma kont inzomm l-ebda parti minn dan id-dokument* (…)" In kontro-ezami, fir-rigward tal-pagamenti effetwati permezz tac-cekkijiet surreferiti u "*mistoqsi jekk effettivament dawn is-somom jirreferux ghal hlas ta' licenzji, nghid li x'aktarx dan ma huwiex minnu peress li mhux darba jew tnejn li Patrick Xuereb kien jghidli hallas l-insurance ghax dawk huma iktar important.*" (seduta datata 6 t'April, 2017)

4. Illi fir-rigward tal-kwistjoni l-ohra koncernanti l-vetturi proprjeta` personali ta' Patrick Xuereb, ix-xhud Richard Vella stqarr li : "*kemm Tapram Limited kif ukoll Patrick Xuereb kienu klijenti tieghi u konna ninxurjawlhom il-flotta taghhom u kif ukoll il-karozzi taghhom personali.* (…) *Nghid li qatt ma kienet issir distinzjoni bejn il-licenzji dovuti mill-kumpanija u l-licenzji dovuti minn Patrick Xuereb jew minn huh personalment.* (…) *is-Socjeta` intimata kienet sa mill-bidunett klijenta tieghi.*" (seduta datata 6 t'April, 2017). F'dan ir-rigward **is-socjeta` intimata ma ressqet ebda eccezzjoni a tenur tar-Regolament 6(1) tal-L.S. 380.01**. Madanakolli ai fini ta' kompletezza jinghad li jirrizulta car mill-provi prodotti miz-zewg partijiet li in linea generali u bhala prassi regolari addottata miz-zewg nahat ma kienet issir ebda distinzjoni bejn vetturi proprjeta` tal-istess socjeta` intimata u proprjeta` ta' Patrick Xuereb personalment ghalkemm il-klijenta effettiva jidher li kienet is-socjeta intimata u Patrick Xuereb kien jagixxi in rapprezentenza tal-istess socjeta` fil-konfront tas-socjeta` attrici u fl-istruzzjonijiet li kien jaghti lis-socjeta` attrici.

5. Illi in kontro-ezami l-istess xhud Richard Vella ikkonferma li huwa personalment kien jghaddi, fir-rigward tal-licenzji, "*ic-certifikat shih anke meta hu ma kienx ihallas il-licenzja kif spjegat aktar qabel*" (seduta tat-23 ta' Gunju, 2017).

Illi allura jirrizulta car li fir-rigward tal-pagament eccepit mis-socjeta` intimata permezz tac-cekkijiet ezebiti a fol. 16 u 17 tal-process li, fuq struzzjonijiet ta' Patrick Xuereb in rappresentanza tas-socjeta` intimata, dan gie allokat proprju fir-rigward tad-debiti elenkati a fol. 89 u 90 tal-process li ma jirrigwardjawx l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawza salv ghall-ahhar tlett kontijiet rigwardanti vetturi LQZ235, LQZ236 u LQZ237 (ghalkemm jidher li ghall-ewwel thallsu tlett somom ta' €110 jidher li l-bilanc thallas ukoll). Effettivament dan jirrizulta car mill-istess dokumenti a fol. 89 u 90 tal-process, dan apparti l-fatt li l-istess somma indikata fic-cekk a fol. 17 (€2173.77) tinsab elenkata wkoll fl-istess document a

fol. 89 tal-process (jekk wiehed jghodd it-tnaqqis effetwat taht il-kolonna intestata 'allocated value' jew it-tnaqqis effetwat taht il-kolonna intestate 'Gross'). It-tnaqqis referibbli ghac-cekk datat 3 ta' Lulju, 2012 (fol. 16 tal-process) jirrizulta wkoll bl-istess mod mid-dokument a fol. 90 tal-process. Ulterjorment, ebda wiehed mid-dokumenti prezentat mis-socjeta` intimata a sostenn tal-eccezzjoni taghha tal-pagament u ezebit a fol. 23, 25, 27, 29, 31, 33, 35, 37, 39, 41, 43, 45, 47, 49, 51, 53, 55, 57, 59, 61, 63, 65, 67, 69, 71, 73, 75, 77 u 79 (koncernanti insurance premia) ma jirrigwardjaw l-ammont mitlub permezz tal-kawza odjerna (koncernanti licenzji).

Illi madanakollu fir-rigward tad-dokument a fol. 12 tal-process, kif ammess mill-istess socjeta` attrici tramite x-xhieda ta' Alberto Bisazza in rapprezentenza tal-istess socjeta` attrici, l-ahhar tlett somom ammontanti ghal €337.50 (€112.5 X 3) irrizulta li gew imhallsin ukoll proprju in linea ma' dak surreferit.

Illi ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-pagament sollevata mis-socjeta` intimata tirrizulta gustifikata limitatament sa fejn tirrigwardja s-somma msemmija ta' tlett mija u sebgha u tletin euro u hamsin centezmi (€337.50) u filwaqt li s-somma bilancjali ammonanti ghal erbat elef u tnax-il euro u disa' u hamsin centezmi (€4012.59) jirrizulta kjarament li ghadha dovuta lis-socjeta` attrici mis-socjeta` intimata.

Tenut kont tac-cirkostanzi, partikolarment tal-fatt li s-surreferit kellu jkun minnufih evidenti ghas-socjeta` intimata (li minkejja kollox xorta wahda baqghet teccepixxi l-pagament tas-somma shiha mitluba) huwa gust u ekwu li l-ispejjez tal-procedura odjerna jigu mhallsin ukoll mis-socjeta` intimata.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jilqa' limitatament l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata fir-rigward tas-somma ta' tlett mija u sebgha u tletin euro u hamsin centezmi (€337.50), jichadha ghall-bqija u konsegwentement jilqa' t-talba attrici

limitatament fis-somma ta’ erbat elef u tnax-il euro u disa’ u hamsin centezmi (€4012.59) u jikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-istess somma lis-socjeta` attrici bl-imghaxijiet kummercjali tenut kont tan-negozju kummercjali bejn iz-zewg socjetajiet kummercjali u bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**